# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 24 ta' Frar, 2020**

**Numru 17**

**Rikors Numru 117/2020/2**

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru 117/20 fl-ismijiet**

**Aaron Pisani et**

**vs**

**Christine Marie Gauci 450187 (M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Aaron Pisani u oħrajn tal-11 ta' Frar 2020 li permezz tiegħu ppremettew u talbu s-segwenti:

"1. Illi fid-data tal-24 ta' Jannar tas-sena 2020, l-esponenti atturi talbu l-ħruġ għall-mandat odjern li konsegwentement fl-istess data ġiet akkordata proviżorjament minn dina l-Onorabbli Qorti.

2. Illi kif jemana ċar mill-atti proċesswali de quo ffirmati mill-Marixall John Francica, fl-istess jum ċioe fid-data tal-24 ta' Jannar tas-sena 2020 sar l-eżekuzzjoni ta' dan il-mandat li ġie rritornat lura l-Qorti bħala positiv.

3. Illi fid-data ta' 06 ta' Frar, 2020, saret seduta quddiem l-Onorabbli Qorti fejn l-atturi irtiraw ir-rikors tagħhom fejn talbu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tagħti dawk id-direttivi u ordni kollha sabiex jiġu ssalvagwardjati d-drittijiet esponenti u dana salv kull ordnijiet u provedimenti kollha ulterjuri illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun u dan peress li l-konvenuta injorat totalment il-ħruħ tal-mandat u dana nonostante li dejjem kienet hi li applikat mal-MEPA għal permess tal-bini de quo.

4. Illi nonostante saret l-eżekuzzjoni għal kull effett u fini tal-liġi sabiex jiġu kkawtelati d-drittijiet esponenti, u nonostante irtiraw rikors waqt is-seduta xorta waħda komplew l-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet li evidentement ser joħloq preġudizzju fil-konfront ta' l-esponenti u dan mhux esklużi atteġjament ta' disprezz quddiem din l-Onorabbli Qorti u dana qabel l-Onorabbli Qorti ħadet deċiżjoni finali u kif ukoll qabel ma saret l-aċċess li hija skedata għad-data ta' 19 ta' Frar 2020.

5. Illi madanakollu l-ħaddiema għaddejjin b'rata mgħaġġla ħafna u dana sabiex ikunu jistgħu isibu dik il-lacuna fil-liġi sabiex sad-data li l-Onorabbli Qorti tkun tista tagħti sentenza, l-bini jkun lest u għalhekk ikun hemm fatt kompjut li jmur kontra l-iskop tal-leġislatur meta ħoloq il-liġijiet tal-mandati ta' inbizzjoni.

Għaldaqstant in vista ta' dak suespost, l-esponenti umilment titlob illi dina l-Onorabbli Qorti sabiex tagħti dawk id-direttivi u ordni kollha sabiex jiġu ssalvagwardjati d-drittijiet esponenti u dana salv kull ordnijiet u provedimenti kollha ulterjuri illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun."

Rat id-digriet tagħha tat-12 ta' Frar 2020.

Rat li r-rikors ġie appuntat b'urġenza fl-14 ta' Frar 2020 iżda s-seduta ma setgħetx issir għar-raġunijiet hemm imsemmija u tħalla għat-18 ta' Frar, 2020. Dak in-nhar is-seduta reġgħet ma saritx għaliex il-Konvenuta ma kienetx notifikata.

Rat li minħabba l-proċedura ai termini tat-termini ta' żminijiet imposti mill-liġi fuq il-Qorti, il-Qorti kienet magħfusa għal ħin.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tar-rikors.

Semgħet ix-xhieda taż-żewġ partijiet.

Rat li ir-rikors tħalla għal lum biex jingħata digriet fil-miftuħ.

**Konsiderazzjonijiet**

Dan huwa rikors li qiegħed jintalab abbażi tal-artiklu 873(4) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta. Flimkien mal-proċedura taħt artiklu 1003A tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta , dawn huma ż-żewġ għodod prinċipali proċedurali disponibbli għal min ikun talab il-ħruġ tal-mandat, sabiex jiġi assigurat li l-effetti tal-mandat ta' inibizzjoni jiġu osservati minn min jiġi milqut minnhom (Ara **Deċiżjoni PA per Imħallef Lorraine Schembri Orland tas-27 ta' Ottubru 2016 fl-ismijiet Paola Cassar -vs- Joseph Zammit**).

F'dawn il-proċeduri r-rikors odjern seta' biss jiġi ikkunsidrat f'qasir żmien biżżejjed biex din il-Qorti ma tipperikolax it-termini ta' żminijiet perentorji ta' dak li jiddisponi l-artiklu 875(3) tal-Kap tal-liġijiet ta' Malta. Dawn it-termini huma imposti fuq il-Qorti u mhux il-partijiet u l-anqas huma prorogabbli. Għal dan il-għan, kien fadal biss ftit tal-jiem meta rikors kellu jkun deċiż. Tajjeb li jingħad, li din ix-xorta ta' proċedura ma tistax tkun deċiża b'mod leġġer. Tant , li anke dawn il-Qrati osservaw li l-kwalita' ta' prova rikjesta hija differenti minn dik li hija rikjesta taħt artiklu 873(2) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta. Fil-fatt fis-Sentenza tal-**PA, per Imħallef Joseph Zammit McKeon, tat-28 ta' Jannar 2010, fl-ismijiet Philip Grima -vs- Chris Grech** intqal hekk:

"*Din il-Qorti tara differenza ta'* ***sostanza*** *bejn is-subinċiż (2) u s-subinċiż (4) tal-Art. 873 tal-Kap.12. Għall-fini tas-subinċiż (2), din il-Qorti tgħid li sabiex ir-rikorrent jikseb il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni jeħtieġ li juri żewġħwejjeġ: fl-ewwel lok - li l-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi minnu; u fit-tieni lok iridjidher li r-rikorrent* ***prima facie*** *għandu dawk il-jeddijiet. Iż-żewġ elementi huma kumulattivi mhux alternattivi.Għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-mandat.Għall-fini tas-subinċiż (4), il-prova li trid il-liġi hija****ferm*** *aktar inċisiva u sostanzjali, u għandha l-istess qiesdaqs il-prova fuq bilanċ ta' probabilitajiet li titħaddem bħala regola fil-kamp ċivili. Għal din il-Qorti, is-subinċiż(4) huwa ċar u ma jnissel l-ebda dubbju dwar il-portata tiegħu - jekk jiġi ppruvat ... għas-sodisfazzjon tal-Qorti ...".*

Fid-dawl tat-termini legali li għandha , l-Qorti għaddiet biex tiddeċiedi l-mandat definittivament permezz ta' digriet tagħha tal-21 ta' Frar 2020. Permezz tiegħu ċaħdet it-talbiet tar-rikorrenti għar-raġunijiet hemm imsemmija. Permezz ta' dak id-digriet anke rrevokat l-ordni provisorja li ingħatat tal-24 ta' Jannar 2020. Għalhekk huwa ċar, li l-mertu ta' dawn il-proċeduri, bid-digriet tal-21 ta' Frar 2020, huwa eżawrit.

Di piu' din il-Qorti hija tal-fehma li meta si tratta ta' ordni provvisorja, il-pretensjoni li qed tkun itrattata fir-rikors odjern, għandha titressaq 'l quddiem meta u jekk ikun milqugħ definittivament il-mandat. Il-fatt, li

qabel ma mandat jiġi milqugħ definittivament, il-persuna milquta tkun b'għemilha kissret l-ordni provvisorja, din ma tagħtihx difiża tajba fis-sens li l-fatt hu kompjut fid-dawl ta' kif is-Sentenzi jiddefinixxu fatt kompjut. (ara digriet **James Pearsall nomine -vs- Noel Zarb Adami tat-23 ta' Lulju 2001**). Din il-Qorti temmen, li d-difiża tal-fatt kompjut fi proċeduri taħt artiklu 873, biex tirnexxi fis-sens kif iridu s-Sentenzi bħal dik imsemmija, il-fatt irid ikun seħħ **qabel u mhux waqt** li jkun għadhom għaddejjin il-proċeduri tal-mandat. Anzi dik tkun ċirkostanza li tista' tinġieb bħala prova ta' ksur tal-ordni wara li jintlaqa' l-mandat. Prova li għandha issir mir-rikorrenti skont il-liġi.

Di fatti artikolu 873(4) jispeċifika li rikors bħal dak li qed tikkonsidra l-Qorti jista' jitressaq meta, **wara** l-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni, il-persuna miżmuma tkun aġixxiet bi ksur tal-ordni tal-Qorti, liema ordni tista' anke tkun dik mogħtija taħt l-artikolu 875(2) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta. Din il-posizzjoni tagħmel sens u loġika, għaliex jekk tingħata ordni ai termini ta' artikolu 873(4) qabel ma jkun dekretat definittivament il-mandat, tista' faċilment tinħoloq sitwazzjoni, fejn mandat jiġi miċħud definittivament iżda baqgħet b'ordni provisorja in vigore li tikkontradixxi dik iċ-ċaħda. Din twassal għal konsegwenza fejn dak li jkun inħatt jew tneħħa bis-saħħa ta' ordni provvisorja u jista' jerġa' jinbena jew jitqiegħed lura bis-saħħa taċ-ċaħda definittiva. Konsegwentement kieku t-talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni intlaqgħet, din il-Qorti kienet tkompli tikkonsidra l-pretensjonijiet ta' dan ir-rikors fil-mertu.

Fl-aħħar nett irid jingħad li dan kollu ma għandu jwassal għall-ebda preġudizzju għall-pretensjonijiet sostantivi tar-rikorrenti minn dik il-Qorti li tiġi adita biex teżaminahom aktar fil-fond. Jiġifieri jekk eventwalment jingħata raġun, dak li qiegħed jitlob f'dawn il-proċeduri jista' jitolbu lil dik il-Qorti. Mhux biss fir-rigward ta' dak li laħaq inbena waqt il-proċeduri tal-mandat, iżda ta' dak kollu li inbena. Dawn il-proċeduri qegħdin isiru mingħajr ebda preġudizzju kwalunkwe għal kull azzjoni oħra li talvolta jista' għandhom ir-rikorrenti skont il-liġi.

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija il-Qorti qegħdha tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti.

Spejjes ta' dawn il-proċeduri a' karigu tar-rikorrenti.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**